B 3173

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,526, 24 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 444 tal-2020

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Ż-Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom u dawn ir-regoalmenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għal Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 463. 09.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2020.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Regolamenti dwar Krediti ta' Taxxa għall-Intrapriżi Mikro u għal Persuni li Jaħdmu għal Rashom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "impriża" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "impriża" tfisser kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha jew mill-mod kif hija ffinanzjata. Fejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi legalment distinti jikkostitwixxu unità ekonomika, li huwa l-każ meta jkollhom sors komuni ta' kontroll, għandhom jiġu kkunsidrati bħala impriża waħda;";

(b) minnufih wara t-tifsira "imrpiża li s-sid jew sidien tagħha hija mara jew huma nisa" għandha tiżdied it-tifsira ġdida

li ġejja:

" "impriża waħda" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolament tal-Kummissjoni UE Numru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 fl-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda wkoll minħabba distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija kkawżata minn avveniment mhux previsti, il-Korporazzjoni tista' tħallas parti mill-kreditu tat-taxxa mogħtija bħala għotja ta' flus kif stabbilit fil-Linji Gwida:

Iżda wkoll l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma jistax jaqbeż l-elfejn euro (€200, 000) (jew mitt elf euro [€100, 000] fil-każ ta' imrpiżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq għall-kiri jew premju) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin fiskali konsekuttivi.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "Sabiex tikkwalifika għall-benefiċċju taħt is-subregolament (1), l-impriża:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni oħra imposta mill-Korporazzjoni fil-Linji Gwida, sabiex tikkwalifika għall-benefiċċju taħt is-subregolament (1), l-impriża:"; u

(ċ) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2021.".